MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tat-30 ta' Settembru, 2010

Citazzjoni Numru. 188/2007

**Moviment Azzjoni Socjali**

***kontra***

**Noel Borg (I.D. 5078M)**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors mahluf li kien presentat fl-14 ta’ Frar 2007 u li jaqra hekk –

*1. Illi l-atturi huma propjetarji tal-fond 17, Old Mint Street, Valletta ;*

*2. Illi dan il-fond kien mikri lil Louis Galea li miet fit-3 ta' Jannar 2002 u dan kif jirrizulta mill-anness certifikat tal-mewt markat Dok.A ;*

*3. Illi Louis Galea kien ighix wahdu sal-ahhar ta` hajtu fl-imsemmi fond 17, Old Mint Street, Valletta ;*

*4. Illi Louis Galea kien jikri l-imsemmi fond minghand l-attur ghal Lm 4.25 kull tlett xhur li kien jithallas bil-quddiem;*

*5. Illi wara l-mewt ta` Louis Galea, wiehed minn hut Louis Galea u senjatament Carmen Dimech kienet cemplet l-ufficcju tal-atturi biex tinforma lill-atturi li kienet ser taghti c-cwievet tal-fond lura ;*

*6. Illi sussegwentement hut il-mejjet Louis Galea u cjoe` Carmen mart Anthony Dimech u Joseph Galea informaw lill-attur li huma qeghdin jisbarazzaw il-fond fejn kien ighix huhom minn xi mobbli meta ad insaputa taghhom persuna terzi biddel is-serratura tal-fond minghajr ma kellu ebda dritt skond il-ligi biex jaghmel dan, u dan kif jirrizulta mill-anness dokument B ;*

*7. Illi sussegwentement irrizulta li l-persuna terzi li biddel is-serratura tal-fond kien il-konvenut Noel Borg, liema Noel Borg jigi neputi tal-mejjet Louis Galea ;*

*8. Illi l-konvenut Noel Borg qatt ma ghix f`dan il-fond u b`mod abbusiv u llegali biddel ic-cwievet tal-fond wara li miet zijuh Louis Galea ;*

*9. Illi l-konvenut b`mod abusiv u llegali kien dawwar il-karta ta` l-identita` tieghu fuq il-fond pern tal-kawza, u dan*

*kif jirrizulta mill-annessa kopja tal;-karta tal-identita` ta' Noel Borg markat dokument C ;*

*10. Illi nonostante d-diversi nterpellanzi sabiex jizgombra mill-imsemmi fond, il-konvenut baqa` nadempjenti.*

*Ghaldaqstant ighid il-konvenut prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna u ghar-ragunijiet premessi ghaliex din il-Qorti m`ghandhiex –*

*1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-konvenut m`ghandu ebda titolu ta` kera u/jew kull titolu li talvolta seta` kellu llum gie terminat jew m`ghadux jezisiti u/jew qatt ma esista u ghalhekk m'ghandu ebda titolu fuq il-fond 17, Triq Zekka, Valletta.*

*2. Tizgombra lill-konvenut mill-fond 17, Triq Zekka, Valletta fi zmien qasir u perentorju li jigi stabbilit minn din il-Qorti.*

*Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra interpellatorja tal-20 ta` April 2004 markat dokument D u b`riserva ta` kull dritt u azzjoni ulterjuri, u bl-ingunzjoni tal-konvenut in subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-attur u l-elenku tad-dokumenti esebiti minnu.

Rat ir-risposta mahlufa tal-konvenut prezentata fis-6 ta` Gunju 2007 li taqra hekk -

*1. Illi t-talbiet ta` l-atturi huma totalment infondati fil-fatt u fid-dritt ghaliex kif jafu l-istess atturi, il-konvenut kien ilu diversi snin ighix ma` Louis Galea u meta miet fit-3 ta'*

*Jannar 2002 il-fond numru 17, Old Mint Street, Valletta, kienet l-unika residenza tieghu u ghalhekk il-konvenut ghandu titolu validu fuq l-istess fond ai termini tal-Kap.69 tal-Ligjiet ta` Malta.*

*2. Illi mhux minnu illi l-konvenut qatt ma ghex fil-fond u b'mod abusiv u llegali biddel ic-cwievet tal-fond wara l-mewt ta` zijuh kif lanqas ma huwa minnu illi l-konvenut b'mod abusiv u llegali dawwar il-karta ta` l-identita` tieghu.*

*3. Illi mmedjatament wara li miet Louis Galea, il-konvenut informa lill-attur b`dak li gara u fis-16 ta' Jannar 2002 tramite l-avukat tieghu baghat il-kera ghal tlett xhur dovuta mis-16 ta' Jannar 2002. Dan baqa` jaghmlu regolarment u l-ahhar cheque intbaghat fis-16 ta' April 2007 ghal kera dovuta mill-1 ta' April 2007.*

*4. Fit-23 ta' April 2004 il-konvenut kiteb lill-atturi u talabhom jaghtuh risposta ghall-ittri precedenti tieghu. Minghajr pregudizzju, il-konvenut kien lest li jaccetta awment regonevoli fil-kera. Il-kera ma gietx depozitata l-Qorti peress illi sa llum il-konvenut ma rcieva ebda risposta u minflok gie notifikat biss b`dawk il-proceduri.*

Rat il-lista tax-xhieda indikati mill-konvenut.

Qieset il-provi li ressqu z-zewg partijiet kemm dawk li ngabru minn din il-Qorti diversament presjeduta kif ukoll dawk li semghet din il-Qorti kif presjeduta.

Semghet lid-difensuri tal-partijiet jittrattaw il-kawza bil-fomm fl-udjenza tal-11 ta` Mejju 2010, trattazzjoni li kienet registrata bit-tape u traskritta.

Rat id-digriet taghha moghti fl-istess udjenza fejn din il-Qorti halliet il-kawza ghas-sentenza ghal-lum.

Rat l-atti tal-kawza.

**Ikkunsidrat –**

Qabel ma tghaddi ghall-konsiderazzjoni tal-provi, din il-Qorti trid tghid li l-konvenut qed jinvoka titolu ta` kera ghall-fond 17, Triq Zekka, Valletta (minn issa ‘l quddiem jissejjah “il-fond in kwistjoni”) bhala d-difiza tieghu kontra l-istanza attrici, abbazi tat-tifsira ta’ *kerrej* skond l-Art.2 tal-Kap.69 tal-Ligijiet ta’ Malta li taqra hekk - ... *fil-kaz ta` dar ta` abitazzjoni, meta l-kerrej ma jhallix warajh armla jew armel, dawk il-membri tal-familja tal-kerrej li jkunu joqghodu mieghu fiz-zmien tal-mewt tieghu.* Il-kawza tal-lum mhijiex kolpita mill-emendi ricenti ghall-Kap.16 tal-Ligijiet ta` Malta li dahlu fis-sehh fl-1 ta` Jannar 2010.

F`din il-kawza, irrizultaw bhala **nkontestati** l-fatti li gejjin :

(a) li Louis Galea kien jikri l-fond in kwistjoni ghal skop ta` abitazzjoni minghand l-attur ;
(b) li l-kirja tal-fond kienet fil-perijodu tar-rilokazzjoni ;
(c) li l-kerrej kien guvni ; u
(d) li l-kerrej miet fit-3 ta` Jannar 2002.

Mela hija ghal kollox irrilevanti kwalsiasi konsiderazzjoni jekk mhux din : **tirrizultax il-prova sal-grad rikjest mil-ligi li fiz-zmien ta` madwar it-3 ta’ Jannar 2002 kien hemm joqghod mal-kerrej xi membru tal-familja tieghu ?**

Sabiex twiegeb ghal dan il-kwesit, li huwa l-pern ta` din il-kawza, din il-Qorti sejra tiskarta kull prova li ressqu l-

partijiet li tista` tkun distanti jew distakkata mit-twegiba. U allura tghid mill-ewwel li kull prova li ttenta jaghmel l-attur dwar l-istat tal-fond in kwistjoni llum mhuwiex direttament rilevanti ghall-fini tal-kawza tal-attur kif dedotta. Ghall-fini ta' aktar kjarezza, jekk l-attur irid jaghmel il-prova li l-fond in kwistjoni llum huwa fi stat ta` abbandun, dik il-prova u l-konsiderazzjonijiet li jistghu jkunu marbuta maghha *jista`* jkollhom siwi ghall-attur ghal istanzi futuri. Pero` mhux f`din tal-lum. Fil-kawza tal-lum, prova rilevanti tkun jekk fiz-zmien ta` madwar it-3 ta` Jannar 2002 kienx il-fond in kwistjoni fi stat ta` abbandun.

Dan premess, u qabel tghaddi ghall-konsiderazzjoni tal-provi, din il-Qorti tghid li l-gurisprudenza taghna kienet ghal certu zmien tikkwalifika bhala "membri tal-familja" dawk konsangwinji, cioe` dawk kollha kongunti permezz tad-demm u dixxendenti wahda mill-ohra jew minn stipiti komuni. (ara "**Zammit noe vs Farrugia et**" - Appell Inferjuri - 13 ta' Gunju 1953). Maz-zmien, kien hemm sentenzi ohra li dan il-pre-rekwizit biex tinkludi anke persuni li jkunu trabbew mill-kerrej (ara "**Zammit vs Kerr**" - Appell Inferjuri - 11 ta' Marzu 1966). Fil-kaz tal-lum, il-konvenut kien deskritt bhala neputi tal-inkwilin. Fir-realta`, irrizulta li kien iben il-kugina tal-inkwilina. Waqt it-trattazzjoni tal-kawza, il-partijiet ma dahlux fil-kwistjoni jekk din il-parentela tal-konvenut mal-inkwilin kenitx tikkwalifikah bhala *"membru tal-familja".* Fl-istess waqt, huwa evidenti mill-mod kif kienu mpostati t-talbiet attrici, mill-mod kif kienet difiza l-kawza, mill-assjem tal-provi u anke mis-sottomissjonijiet tad-difensuri tal-partijiet qabel il-kawza thalliet ghas-sentenza tal-lum li l-partijiet accettaw bhala fatt inkontestat u mhux disputat li l-konvenut jikkwalifika bhala "*membru tal-familja tal-kerrej*".

**Ikkunsidrat –**

Fil-qosor, il-**provi** dwar il-punt krucjali ta` din il-kawza kif fuq espost kienu dawn -

Fl-affidavit taghha (fol 25 et seq), **Carmelina Debono**, President tal-Moviment attur (minn issa 'l quddiem jissejjah il-MAS) tixhed li l-ufficcju taghhom jinsab 15, Triq Zekka, Valletta. Hija kienet ilha tiffrekwenta l-ufficcju mill-1966. Tghid li Louis Galea li kien il-kerrej tal-fond in kwistjoni dejjem ghix wahdu fil-fond sal-ahhar ta` hajtu u cioe` sat-3 ta' Jannar 2002. Tixhed li wara l-mewt tieghu, hutu Carmen Dimech u Joseph Galea kienu ser jikkonsenjaw ic-cwievet, izda dan baqa` ma sarx ghax qalu li xi hadd kien okkupa l-fond wara li bidel is-serratura. Wara mar il-konvenut il-MAS biex ihallas il-kera ghax qal li kien joqghod fil-post. Dan halla kopja tal-karta tal-identita` tieghu mas-Segretarja. Il-MAS pero` ma accettax kera minghand il-konvenut. Hija tichad li l-konvenut kien ighix ma' Louis Galea. La qatt ratu hemm u lanqas taf bih.

Fil-kontroezami (fol 137) **Carmelina Debono** tghid li ma kenitx taf li Louis Galea kien marad qabel miet. Lanqas li kien *bedridden*. Lanqas li kien tah *stroke* u ghalhekk waqaf mix-xoghol. Safejn taf hi kien ighix wahdu. Lil Noel Borg ma kenitx tafu. Lanqas ma kienet taf min kien jidhol fil-fond qabel miet. Meta Louis Galea kien jabita fil-post, l-aperturi kienu jinfethu regolarment specjalment tan-naha ta` barra u tal-genb. Taf kif hu kompost il-fond in kwistjoni mhux ghax qatt dahlet fih, izda ghax minn barra jidher it-tarag kif ukoll ghaliex l-ambjenti ta' go fih jigu taht l-ambjenti tal-ufficcju taghhom.

**Carmen Dimech**, oht Louis Galea, xehed viva voce (fol 34). Hija tat inkariku lill-Av. Joseph P. Bonnici sabiex jikteb l-ittra a fol 5. Ma tafx jekk kienx hemm xi hadd ighix ma' huha qabel miet. Safejn Noel Borg taf hi kien ighix ma` ommu l-kugina taghha fi Triq San Gwann, Valletta. Kien Noel Borg li qalilha li kienu hadu lil Louis Galea l-isptar. Meta Louis mar l-isptar, huwa taha cavetta tal-post. Meta kien joqghod fil-fond in kwistjoni, hi ma kellhiex cavetta.

Fl-ittra **DOK B** a fol 5 li l-Av. Bonnici baghat lill-MAS ghan-nom ta` Carmen Dimech u Joseph Galea *inter alia* jinghad hekk –

… *Il-mittenti kienu qeghdin jisbarazzaw il-fond minn xi mobbli tal-inkwilin stess meta, ad insaputa taghhom, xi terz biddel is-serratura. Ghalhekk ghalqilhom l-access.*

*Dan kollu qed jingieb a formali konjizzjoni taghkom sabiex tiehu l-passi kollha opportuni u necessarji u sabiex il-klijenti tieghi jezimu ruhhom minn kwalunkwe responsabilita`.*

**Joseph Galea** hu l-kerrej xehed viva voce (fol 35). Louis Galea kien ighix wahdu fil-fond in kwistjoni sal-ahhar ta` hajtu. Dan skond ma qaltlu ohtu u ghax kien guvni. Fil-post li fih zewgt ikmamar kien hemm biss oggetti ta' Louis Galea. Meta marru jizbarazzaw ma kienux lahqu hadu kollox ghaliex inbidlet is-serratura. Huwa qatt ma kellem lil Noel Borg.

**Mons. Fortunato Mizzi**, assocjat mal-MAS, xehed viva voce (fol 36). Huwa qal li Louis Galea kien ighix wahdu fil-post sakemm miet.

**Mary Buttigieg**, impjegata tal-MAS, xehdet viva voce (fol 50) fis-sens li kienet Carmen Dimech li avzata li n-neputi taghha Noel Borg kien bidel is-serratura. Meta Louis Galea kien ighix fil-post, hi qatt ma rat lil Noel Borg hemm. Wara li miet l-inkwilin, rat lill-konvenut jidhol fil-post.

**Joseph Caruana** mill-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma xehed viva voce (fol 52). Ghar-rigward tal-fond in kwistjoni, il-kont tal-ilma kien registrat f'isem il-konvenut minn Jannar 1996. Wara l-2002, il-konsum kien minimu hafna ghax il-*meter reader* irrapporta hafna drabi bhala

*not in use*. Kumment bhal dak isir meta r-*reading* ta` qabel u ta` wara jkunu l-istess. Dwar id-dawl u l-ilma, l-ahhar qari attwali kien fit-13 ta` Mejju 2004 u wara ma regax ittiehed *reading* iehor. Saret biss stima. Fl-1998 inbidel l-arlogg tad-dawl pero` l-konsum baqa` minimu anzi naqas wara April 1998. L-ewwel indikazzjoni li l-ilma ma kienx uzat tmur lura ghal Jannar 1997. Sat-3 ta' Jannar 2002, l-uniku persuna registrata ghas-sussidju kien Louis Galea wahdu. Fit-3 ta' Ottubru 2002, ghas-sussidju zdied ukoll Noel Borg.

Fl-affidavit tieghu, **Mario Falzon** (fol 60) xehed li huwa ghandu agenzja tal-ivvaggjar il-Belt li tinsab qrib hafna ta` fejn kien joqghod Louis Galea. Lil Galea kien jafu u kien jafu jghix wahdu sakemm miet. Fil-kontroezami, l-istess Mario Falzon (fol 133) ippreciza li sar jaf b'dan skond ma qalu lilu l-girien. Ma` Louis Galea, ma tkellem qatt.

**Jennifer Debono** mill-Korporazzjoni Xoghol u Tahrig xehdet viva voce (fol 88) li ghall-fini ta' registrazzjoni l-indirizz ta` l-konvenut kien dak tal-fond in kwistjoni. Isem il-konvenut jidher ghall-ewwel darba fl-indirizz 17, Triq Zekka, Valletta, mit-30 ta' Mejju 1996.

**Emerenziana Agius** mill-Ufficju Elettorali xehdet viva voce (fol 89) li fl-1 ta' Gunju 2000 il-konvenut ghamel *change of address* ghal 17, Triq Zekka, Valletta, fejn ghadu registrat. Ma ssirx verifika jekk il-post il-gdid ikunx tassew il-post tar-residenza tal-persuna koncernata.

**Ivan Cilia** mid-Dipartiment tas-Sigurta` Socjali xehed viva voce (fol 90) xehed li mis-sena 2000 'il hawn Noel Borg jircievi l-ghanjuna socjali. Fuq l-applikazzjoni tieghu tal-1 ta' Gunju 2000, kien indika l-indirizz 17, Triq Zekka, Valletta**.** U baqa` jircievi l-beneficcji f`dak l-indirizz.

**Doris Borg** omm il-konvenut u kugina ta' Louis Galea xehdet viva voce (fol 94). Tghid li binha l-konvenut telaq mid-dar minn meta kellu 14-il sena u mar joqghod ma` Louis Galea. Ghal xi zmien marret ukoll ommha tghix mieghu. Meta miet Galea, Noel baqa' ighix fil-post. Meta Noel mar joqghod ma' Galea, zdiedet sodda ohra.

**Aida Demicoli** in-nanna tal-konvenut xehdet viva voce (fol 96) li l-konvenut kien ighix ma` Louis Galea. Hija kienet marret torqod maghhom ukoll ghal seba' snin wara li Galea marad. Il-konvenut baqa' joqghod fil-post li ghandu zewgt ikmamar. Kien hemm zewg sodod u pultruna. Meta marret hi torqod maghhom, il-konvenut kien jorqod fuq il-pultruna.

Fl-affidavits taghhom (fol 102), **Jesmond Borg** hu l-konvenut (fol 102) u **Joseph Borg** missier il-konvenut fis-sostanza ikkonfermaw dak li kienu xehdu familjari ohra tal-konvenut.

Fl-affidavit tieghu (fol 104) **il-konvenut** xehed li wara li Louis Galea ghadda bord, beda ighix regolarment mieghu sal-mewt u anke wara. Il-post kellu zewgt ikmamar. Kamra minnhom kellha zewg sodod ; wahda ta' Louis u l-ohra tieghu. Kien hemm gwardarobba bi hwejjeg personali tieghu. Ommu kienet tiehu hsieb il-hasil billi l-post ma kienx fih facilitajiet. Wara li miet Louis, talab li l-kera ddur fuqu peress li kien ighix mieghu. Talbuh kopja tal-karta tal-identita`. Il-kera baqghet tintbaghat izda kienet rifjutata. Bhala prova li kien jaf x'kien jigri madwaru fl-akkwati ta' hdejn il-post, il-konvenut xehed dwar il-movimenti tal-persuni li jiffrekwentaw l-ufficcju tal-MAS. Il-konvenut xehed li anke mid-dokumenti ufficjali kollha tieghu (esebiti) kien jirrizulta li l-indirizz tieghu kien 17, Triq Zekka, Valletta. Stqarr li hut Louis Galea ma kienux imorru jzuruh. Kien hu li bidel is-serratura tal-post ghaliex dahlu hut Louis Galea wara li miet u minn hemm hadu *television* u oggetti ohra mill-post. Kienet Carmen Dimech li hadet ic-cavetta mill-isptar wara li miet Louis. Hu kien

ilu zmien twil li telaq mid-dar ta' ommu u wara li marad Louis Galea beda ighix mieghu regolarment.

Fil-<u>kontroezami</u> (fol 151) il-konvenut xehed li fil-post kien hemm il-kumditajiet kollha bhal dawl, *fridge*, *freezer*. Sa hamsa sitt snin qabel miet Louis, kien diga` jghix fil-post. Sa ma miet Louis, il-kontijiet kien ihallashom Louis. Wara li miet beda jhallas il-kontijiet il-konvenut. Dwar ricevuti, xehed li kien izomm l-ahhar tlieta u l-ohrajn jarmihom. Anke wara l-mewt ta' Galea, is-servizz baqa` jsejjah lil Louis Galea.

Fl-affidavit taghha (fol 116), <u>**Marlene Borda**</u> iz-zija tal-konvenuta xehdet li l-konvenut kien ilu joqghod fil-fond in kwistjoni ghal aktar minn ghaxar snin. Fil-kontroezami (fol 166) ix-xhud stqarret li fil-post kien hemm *fridge* izda mhux freezer. Kien hemm ukoll sodda. Il-post jehtieg li jkun irrangat. Sabiex il-konvenut ikompli jirranga jehtieg li l-kera ddur fuqu biex jiehu s-sussidju. L-ahhar li marret fil-post kien kwistjoni ta` xahar.

Kien prezentat l-affidavit ta` <u>**Sharon Borg**</u> il-mara ta' hu l-konvenut (fol 118). Il-kontenut tal-affidavit mhux se jinghata piz ta' prova ghaliex fis-sostanza huwa *detto del detto* u allura mhux ammissibbli bhala prova. Anke l-kontroezami taghha se jkun skartat ghall-istess raguni kif ukoll minhabba fatturi ta' rilevanza.

Daqstant iehor mhux se jinghata piz probatorju l-affidavit ta` <u>**Mark Galea**</u> (fol 123) peress li jittratta fatti jew cirkostanzi li graw wara l-mewt tal-inkwilin.

Dwar <u>**l-access**</u> li din il-Qorti zammet fil-post in kwistjoni, irrizulta li l-utilita` unika tieghu kienet biss sabiex jigi accertat l-uzu u l-istat tal-fond <u>**illum**</u>.

**Ikkunsidrat –**

F’kazijiet ta’ din ix-xorta, il-gudizzju ta` din il-Qorti jrid ikun fondat fuq **bilanc** li min-naha wahda ma jinghatax harsien lil persuna fl-okkupazzjoni ta’ fond sempliciment ghaliex dan ikun dahal fih bil-pretest infondat li jirrisjedi go fih, u minn naha l-ohra, tara li persuna ma tigix sfratta meta tkun okkupant li ghandha jedd skond il-ligi li tissokta f’dik l-okkupazzjoni. (“**Gauci vs Tabone**” – Qorti tal-Appell - 14 ta’ Dicembru, 1956).

Din il-Qorti tghid li ghal dak li huwa apprezzament tal-provi, il-kriterju mhuwiex jekk il-gudikant assolutament jemminx dak li jkun gie spjegat lilu, *izda jekk dawk l-ispjegazzjonijiet humiex verosmili fic-cirkostanzi svarjati tal-hajja* (**“Borg vs Bartolo”** – Appell Inferjuri – 25 ta’ Gunju 1980). Il-grad ta’ prova rikjest fil-kamp civili huwa dak li bizzejjed li jkun inissel certezza morali f’mohh il-gudikant li tkun indotta minn preponderanza ta’ provi meqjusa fuq bilanc ta’ probabilitajiet (**“Caruana vs Laurenti”** – Prim’Awla tal-Qorti Civili – 8 ta’ April 1994 ; **“Borg vs Manager ta’ l-Intrapriza tal-Halib”** – Prim’Awla tal-Qorti Civili – 17 ta’ Lulju 1981; **“Vassallo vs Pace”** – Vol.LXX.II.144 u **“Zammit vs Petrococchino”** – Appell Kummercjali – 25 ta’ Frar 1952).

Fil-kaz tal-lum, il-punt **krucjali** hija l-allegata residenza tal-konvenut mal-inkwilin fiz-zmien tal-mewt tieghu. Ir-residenza hija stat ta` fatt li trid tirrizulta mill-provi tal-kaz (**“Agius vs Copperstone et**” – Prim’Awla tal-Qorti Civili – 25 ta’ Mejju 1966). L-oneru tal-prova ta’ l-effettiva residenza ma’ l-inkwilin fiz-zmien tal-mewt tieghu tispetta mill-bidu sal-ahhar lill-konvenut ghaliex huwa qed jippretendi li ghandu jikkwalifika fit-tifsira ta’ “*kerrej*” skond l-Art.2 tal-Kap. 69. Jekk ma rnexxielux jaghmel din il-prova b’mod attendibbli u kredibbli li jwassal lill-Qorti ghall-konvinciment ragjonevoli, allura l-pretensjoni tieghu ghall-protezzjoni skond il-Kap. 69 tfalli ghaliex ikun ifisser illi ma jkunx issodisfa l-fatt kostituttiv favorevoli

ghalih imqieghed bhala bazi ta' l-eccezzjoni tieghu u hekk intiz biex jikkontrasta l-pretiza ta' l-attrici (**"Balzan vs Gladwish"** – Qorti tal-Appell Inferjuri – 7 ta' Mejju 2010).

Ir-residenza **vera u pruvata** tal-okkupant mal-kerrej tissemma fil-ligi mhux per mera koincidenza izda sabiex issostni l-principju li l-*membru tal-familja* jrid ikun qed jippartecipa **tassew** fil-**godiment lokatizju** tal-fond. (ara - "**Debono vs Zahra" –** Qorti tal-Appell Inferjuri - 20 ta' April 1963). Sabiex jigi stabbilit jekk persuna kellhiex ir-residenza ordinarja taghha f'post partikolari huma relevanti c-cirkostanzi kollha tal-kaz illi jistghu jindikaw jekk il-membru tal-familja kienx qieghed jaghmel uzu mill-fond in kwistjoni ghal dawk l-iskopijiet li wiehed jifhem b'residenza ordinarja. Dawn jinkludu l-irqad u mistrieh regolari fil-fond in kwistjoni, il-fatt li fil-fond in kwistjoni jinzammu l-oggetti personali u l-hwejjeg ta' min jippretendi li ghandu residenza, il-fatt illi f'din ir-residenza huwa jghaddi z-zmien liberu tieghu fejn hu jipprattika d-delizzji tieghu u jaghmel ix-xoghol personali tieghu. Tindika wkoll il-kelma 'residenza', il-fond fejn wiehed jippranza u jiccena, fejn wiehed jircevi l-korrispondenza u anke fejn jircevi l-hbieb, u fejn il-hbieb u terzi jistennew li jsibu lil min hu hemm residenti. Fis-sentenza "**Agius vs Copperstone et**" (op. cit.) inghad hekk - "*biex membru tal-familja jista' jitlob b' success il-protezzjoni tal-Kapitolu 109* (illum Kapitolu 69) *ir-residenza tieghu mat-tenant ma tridx tkun kazwali jew saltwarja, jew ghal semplici kumdita` ahjar, jew ta' semplici pjacir, jew ispirata minn dik il-htiega ta' kambjament ta' ambjent li anke taghmel gid ghas-sahha u ghall-mohh imma trid tkun ir-residenza ordinarja tal-bniedem, anke jekk ghal bzonn mhux l-unika residenza tieghu, imma dejjem haga imposta minn necessita` "*

Ir-residenza ordinarja trid tirrizulta minn sensiela ta` fatti ppruvati. U fil-kisba taghha ma hemm xejn awtomatiku. Ghalhekk il-fatt li persuna jkollha dokumenti li *prima facie* jattestaw konnessjoni taghha mal-fond, bhall-inkluzjoni fir-Registru Elettorali, ir-registrazzjoni mal-

Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma u mal-Korporazzjoni Xoghol u Tahrig mhumiex prova nkonfutabbli ta` residenza. Huwa pacifiku li r-Registru Elettorali jikkostitwixxi biss prova li trid tigi verifikata, li tista' tkun korroborattiva, izda mhux necessarjament u dejjem konklussiva ("**Calleja et vs Ellul**" – Qorti tal-Appell – 29 ta` Novembru 1996). Lanqas il-mobbli jew effetti ohra personali li wiehed jista` ikollu fil-fond ma huma prova *sine qua non* ("**Galea noe vs Di Donna**" – Qorti tal-Appell Inferjuri – 17 ta` Marzu 2003).

Riferibbilment ghall-kaz tal-lum, din il-Qorti tosserva li fil-kumpless taghhom il-provi tal-partijiet huma karenti f`dettalji dwar il-fatt tar-residenza o meno tal-konvenut fil-fond in kwistjoni. Il-konvenut u xi familjari l-aktar qrib tieghu jghidu li huwa kien ilu s-snin ferm qabel il-mewt tal-inkwilin ighix abitwalment mieghu fil-fond in kwistjoni. Kontra dan hemm il-prova kostitwita mill-persuni vicin tal-moviment attur li jeskludu b`mod kategoriku li l-konvenut kien jirrisjedi fil-fond de quo meta l-inkwilin kien ghadu haj. Dettall zghir izda sinjifikanti kien il-fatt li meta l-konvenut mar ipprezenta ruhu biex ihallas il-kera hu wara l-mewt tal-inkwilin, id-dirigenti tal-MAS tant ma kienux jafu min kien illi talbuh il-karta tal-identita` tieghu. Diga` osservat din il-Qorti li l-prova tar-residenza effettiva tispetta lill-konvenut. Dan ghamel hafna enfasi fuq id-dokumenti ufficjali. Huwa pero` possibbli hafna li, sa minn kmieni fis-snin, il-konvenut haseb sabiex jistabilixxi l-fond in kwistjoni bhala l-indirizz ufficjali tieghu, forsi anke bl-adezjoni tal-inkwilin innisfu, ghalkemm lanqas ta` dan ma saret il-prova, anke jekk seta` ma kienx ighix abitwalment. Mela l-fatt li l-indirizz ufficjali ta' l-konvenut kien il-fond in kwistjoni ghal xi entitajiet pubblici ma jfissirx li bilfors jew bhala konsegwenza dak kien il-post tar-residenza abitwali tieghu tal-konvenut. Dak il-fatt huwa wiehed fost ohrajn li din il-Qorti trid issib sabiex tistabilixxi jekk tassew il-konvenut kienx jabita fil-fond in kwistjoni.

Fis-sentenza taghha tat-8 ta` Frar 1971 fil-kawza "**Coppini noe vs Vella Bonnici noe**" il-Qorti tal-Appell

osservat li b`*residenza ordinarja* wiehed ghandu jfisser post b` certu grad ta` kontinwita`, apparti assenzi accidentali jew temporanji. Id-durata mhux kriterju esklussiv u necessarjament determinanti. Hu pero` kriterju tajjeb dak li jirrigwarda l-mod kif bniedem ugwalment jorganizza hajtu. Residenza ordinarja timplika permanenza u abitwalita` (“**Agius vs Agius**”, Qorti tal-Appell Inferjuri - 2 ta’ Dicembru, 1994). Ix-xhieda Carmelina Debono, Monsinjur Dun Fortunato Mizzi u Maria Buttigieg jistqarru kjarament li meta Louis Galea kien ghadu haj u kien ighix fil-fond in kwistjoni, il-konvenut ma kienx ighix mieghu. Oht Galea, Carmen Dimech tghid l-istess. Huh Joseph Galea ma tistax torbot fuqu fis-sens li ma jaghtix l-impressjoni li kien wisq vicin huh biex jistqarr jekk il-konvenut kienx ighix mieghu nkella le. Li certament irrizulta bhal fatt huwa li hut Galea u l-familjarji diretti tal-konvenut, ghalkemm parentati, ma kellhomx relazzjonijiet tajbin bejniethom u dan johrog car daqs il-kristall mill-mod kif gabu ruhhom hut Galea ezatt wara l-mewt ta’ huhom mat-tentattiv tal-familjari tal-konvenut li, akkost li jippruvaw imorru kontra dak li huwa *res ipsa loquitur,* jittentaw *di portare acqua al suo mulino* bi stqarrijiet inkonsistenti mar-realta` tal-fatti. Irrizulta li l-konvenut ighix bl-ghajnuna socjali. Ma jirrizultax li ghandu impieg. Eppure terzi ma jghidux li qabel it-3 ta’ Jannar 2002 qatt rawh fil-vicinanzi tal-post in kwistjoni. Min-naha tieghu, il-konvenut ma jaghtix l-icken hjiel tal-hinijiet li kien iqatta` fil-post. Ghalkemm kollox huwa possibbli, din il-Qorti ssib difficli li temmen kif persuna tghid li thalli l-kumdita` tad-dar tal-genituri tieghu (ghax ma rrizultax li kienet skomda) mhux biex ifittex l-indipendenza tieghu billi joqghod ghal rasu, izda sabiex imur joqghod mal-kugin ta’ ommu li nserta marid go post b`zewgt ikmamar. U mqar jaghti xi spjegazzjoni sabiex ighid ghala ghamel hekk u allura ghala l-post in kwistjoni sar ir-residenza tieghu. Il-konvenut ma jispjegax li Louis Galea kien dipendenti fuqu. Ma jgib l-ebda prova medika tal-fatt li Galea ghadda bord mediku inkella li kien *bedridden*. Lanqas ma rrizulta li l-konvenut kien xi *carer* tal-istess Galea u allura seta` kien intitolat li jippercepixxi beneficcji socjali. Il-konvenut ma pprovax isib tarf ta` dawn it-truf kollha.

Ladarba *residenza* fl-Art.2 tal-Kap.69 mhijiex definita, l-apprezzament mill-gudikant tal-fatti partikolari tal-kaz huwa krucjali (**Kollez. Vol. L.II.225**). Rinfaccjata minn provi *assai* konfliggenti dwar il-fatt tar-residenza o meno tal-konvenut fil-fond in kwistjoni, u anke fl-isfond tal-fatt li dokumenti, kif diga` rajna, mhux necessarjament huma prova ta` residenza izda biss indikazzjoni taghha, din il-Qorti kellha taghmel sforz sabiex tipprova tfittex u possibilment issib l-element tar-residenza tal-konvenut minn fatti jew cirostanzi ohra. Issa ladarba residenza hija relatata ma` abitwalita`, u kunsidrat li l-konvenut ftit li xejn xehed dwar l-aspett hekk vitali ghall-kawza tieghu, din il-Qorti gharblet ix-xhieda ta' Joseph Caruana mill-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma xehed viva voce (fol 52). Issa din il-Qorti taf li l-post in kwistjoni ma kienx xi "palazz" izda kien kompost minn zewgt ikmamar kollox. Fl-istess waqt pero` fih *suppost* li kienu qed jabitaw zewgt persuni u ghal xi zmien anke tlieta. Il-konvenut ma xehed xejn dwar x'servizzi kien hemm fil-post meta l-inkwilin kien ghadu haj. B'diffikulta` din il-Qorti fehmet li fil-post kien hemm id-dawl u l-ilma u *forsi* (ghax mhux car) kien isir xi tisjir. Jirrizulta li kien isir hasil ghax il-girien kienu jaraw in-naxra. Eppure minkejja dawn ic-cirkostanzi, ghaz-zmien ta` qabel l-2002, ghax dak huwa zmien rilevanti, nafu li fl-1998 inbidel l-arlogg tad-dawl pero` l-konsum baqa` minimu anzi naqas wara April 1998. Inoltre l-ewwel indikazzjoni li l-ilma ma kienx uzat tmur lura ghal Jannar 1997. Inoltre, **u dan huwa importanti**, sat-3 ta' Jannar 2002, l-uniku persuna registrata ghas-sussidju kien Louis Galea wahdu. Il-konvenut kellu l-opportunita` kollha jimla dan il-vojt u jaghti spjegazzjonijiet konvincenti izda ghazel li jibqa` sieket dwar fatti hekk importanti ghaliex kienu jaghtu prova tal-abitwalita`. Il-konvenut baqa` ma spjegax fl-istadju tal-provi tieghu ghaliex sat-3 ta' Jannar 2002, l-uniku persuna kien registrat ghas-sussidju kien Louis Galea wahdu u mhux hu wkoll meta suppost kien residenti hemm bhalu.

Din il-Qorti ma hi sodisfatta xejn u lanqas ma tinsab konvinta mill-provi li ressaq il-konvenut li l-fond in kwistjoni

kien il-post tar-residenza tieghu fiz-zmien tal-mewt tal-inkwilin. Din il-Qorti terga` ssostni li l-onus tal-prova tar-residenza kien jinkombi lill-konvenut. Issa l-konvenut fl-affidavit tieghu pprova juri li mal-awtoritajiet civili kien registrat fil-fond de quo. Fl-istess waqt ma tax l-icken hjiel ta' kif ir-residenza tieghu f'dak il-fond kienet tissarraf matul is-snin kollha li xehed li kien ighix mal-inkwilin. Din hija mankanza kbira u sinjifikanti fl-esposizzjoni tal-konvenut. X'arrangament kien hemm mal-inkwilin, jibqa` mhux maghruf. Kienx jaf l-inkwilin li l-konvenut kien registrat ghall-awtoritajiet civili f'dak il-fond jibqa` bla twegiba. Fl-istess waqt, il-punt krucjali li bih il-konvenut kellu jipprova jikkonvinci lil din il-Qorti huwa kif mill-eta' ta` 14-il sena qatta` l-hajja tieghu f'dawk iz-zewgt ikmamar b'servizzi ghal kollox primittivi u xejn salutari ma` guvni li ghalkemm kien parentat ma` ommu la kien wiehed mill-genituri li kienu hajjin u lanqas hutu meta l-istess genituri tieghu kienu joqghodu kantuniera 'l isfel (u cioe` Strada San Giovanni). Mqar saret l-icken prova dwar ghala il-konvenut iccaqlaq mid-dar tal-genturi tieghu. Ma hemmx prova li forsi kellu xi jghid maghhom. Jew forsi kellhom zghir fejn joqghodu. Mutizmu assolut dwar fatti tant rilevanti. *Anke* ghalhekk din il-Qorti tghid li r-registrazzjoni tal-konvenut mal-awtoritajiet civili mhix prova tar-residenza tieghu fil-fond in kwistjoni.

Hu proprju s-**sens partecipattiv** tal-godiment tal-fond li ghalih kienet intiza l-espressjoni "*joqghod mal-kerrej fiz-zmien tal-mewt tieghu*" skond l-Art. 2 tal-Kap.69. Mhux ghal xi sens iehor, kazwali, saltwarju nkella addirittura fabbrikat ("**Debono vs Zahra**" – Qorti tal-Appell Inferjuri - 20 ta' April, 1963 ; **"Galea noe vs Di Donna**" – Qorti tal-Appell Inferjuri - 17 ta Marzu, 2003 ; u "**Mizzi *et* vs Bonnici" –** Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri – AE – 19 ta' Jannar, 2010). Dwar ir-rabta tal-konvenut mal-post ma nafux kwazi xejn. Nafu biss skond il-provi li ressaq hu li kien jorqod fil-fond tant li kien hemm sodda ohra apparti dik tal-inkwilin. L-irqad jista` jkun wens ghal matul il-lejl pero` b'daqshekk ma jsirx residenza. Ftit li xejn nafu x'oggetti personali attinenti mal-fatt tar-residenza kellu l-konvenut fil-fond in kwistjoni.

Ghalkemm diga` nghad li l-post ma kienx xi "palazz", nafu li l-post kellu zewg galleriji. Eppure la nafu kemm il-konvenut kien iqatta` hin fil-post, la nafu kif kien jingwala mal-inkwilin, la nafu kellux xi delizzju li kien jipprattikah minn dak il-post. Assolutament xejn ! Il-konvenut ma ressaq l-ebda prova sabiex ighid kif kien jippartecipa fil-hajja ta` kuljum tal-inkwilin bil-konsegwenti godiment, flimkien mal-inkwilin, tal-fond de quo. Wiehed ma ghandux jinsa li l-inkwilin kien marad u minhabba f'hekk, skond il-familjari, il-konvenut mar ighix mieghu. Eppure xejn ma rrizulta dwar kif il-konvenut gab ruhu mal-konvenut u mal-marda tieghu. Bhal donnu xi *deus ex machina* dahlet imbaghad fix-xena n-nanna tal-konvenut, Aida Demicoli, li tixhed li damet xi tmien snin tghix ma` zewgt irgiel f'zewgt ikmamar b`servizzi primittivi u accettabbli f`socjeta` civili. Hawn din il-Qorti tosserva li dak mistqarr minn Aida Demicoli kien kontradett mill-konvenut stess meta fl-affidavit tieghu (fol 104) xehed li kien biss f'xi *okkazjonijiet ukoll meta n-nanna tieghi kienet tghaddi xi lejl maghna bhala wens* sottolinear ta' din il-Qorti). Jibqa` bla twegiba l-kwesit ghalfejn kellha tindahal in-nanna meta l-konvenut suppost kien qed ighix mal-inkwilin u meta suppost li omm il-konvenut kienet qed tiehu hsieb certi bzonnijiet bhal hasil. Wisq huma l-interrogativi li jibqghu bla risposta !

Din il-Qorti tghid li ma jistax ikun hemm risposta konvincenti ghaliex mill-assjem tal-fatti qieghed jirrizulta li mhux minnu li l-konvenut kien ighix mal-inkwilin fis-sens rikjest mil-ligi. Jekk forsi kien jorqod mal-inkwilin ghal skop ta' wens jew ghal xi skop iehor, dak ma kienx jikkonverti l-fond in kwistjoni fir-residenza ordinarja tal-konvenut. Jibqa' dejjem il-kriterju illi dak li jghodd, fl-apprezzament tal-kredibilita`, huwa jekk il-gudikant jaccettax l-ispjegazzjoni li tinghata lilu jew addirittura li ma tinghatax bhala haga possibbli u verosimili. Ma tezisti l-ebda gerarkija fil-qies tal-provi. Kollox huwa valutabbli mill-gudikant bhala bazi ghall-konvinciment tieghu. Kollox meqjus u ghar-ragunijiet fuq moghtija, din il-Qorti taghti aktar affidament lill-provi attrici milli dawk tal-konvenut. Din il-Qorti ssib, fuq bazi ta` probabilita, illi f`dan il-kaz,

meta miet l-inkwilin, ma hemm ebda provi sodisfacjenti li l-konvenut kien jikkwalifika bhala inkwilin protett skond il-ligi li tirregola din il-materja.

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti, filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, tilqa` t-talbiet attrici u ghall-fini tat-tieni talba, tipprefigi terminu ta' xahar mil-lum ghall-izgumbrament tal-konvenut mill-fond 17, Triq Zekka, Valletta. L-ispejjez jibqghu a kariku ta` l-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------